**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Marzu 2023</u>**

**<u>Rikors numru 143/2022 AGV</u>**

**BS**

**Vs**

**KA**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' BS datat 5 ta' Lulju 2022 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disgha t'Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (09/08/2015) u miz-zwieg taghhom twieldet E  nhar is-sebgha ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmintax (07/12/2018).

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia nhar is-sebgha t'April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (07/04/2021) (Kopja annessa u mmarkata Dok A).

3. Illi dwar il-minuri, il-partijiet kienu qablu s-segwenti:-
   *Ghar-rigward tal-Minuri, il-partijiet qeghdin jaqblu illi l-kura u l-kustodja tal-Minuri ser tkun fdata f'idejn il-komparenti partijiet flimkien, b'dana illi d-decizjonijiet rigwardanti l-Minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien, salv decizjonijiet ordinarji u ta' kuljum li jistghu jittiehdu u jsiru mill-Omm wahidha.*

   *i. Il-Partijiet qed jaqblu li r-residenza primarja tal-Minuri ser tkun ma' l-Omm b'access versu l-Missier illi jigi ezercitat fi granet u hinijiet miftehma bejn il-partijiet. Fin-nuqqas ta' ftehim, il-Partijiet qieghdin jiftiehmu li l-access tal-Missier ghall-Minuri ghandu jigi ezercitat, skont is-segwenti:-*

   *Matul il-Gimgha - Kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00p.m.) u s-sitta ta' filghaxija (6:00p.m.).*

   *Fil-weekend – Gimgha wahda nhar ta' Sibt bejn l-ghaxra ta' filghodu (10:00a.m.) u l-hamsa ta' wara nofsinhar (5:00p.m) u l-gimgha ta' wara nhar ta' Hadd fl-istess hin, b'dan illi tali access fil-weekend ghandu jigi ezercitat kull gimgha b'mod alternat.*

*(...omissis...)*

*Il-partijiet qieghdin jaqblu ulterjorment illi mill-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022), l-access tal-missier fil-weekend ghandu jigi estiz u dan billi, oltre l-access ta' matul il-gimgha kif fuq stipulat, l-access fil-weekend jigi ezercitat permezz ta' sleepover fi tmiem il-gimgha, darba mill-Gimgha fis-sebgha ta' filghaxija (7pm) sal-ghada s-Sibt fis-sebgha' ta' filghaxija (7pm), u l-gimgha ta' wara mis-Sibt ghall-Hadd fl-istess hinijiet, b'tali access jigi ezercitat kull gimgha b'mod alternat.*

4. Illi nonostante dan, il-konvenut spiss jaghzel li ma jezercitax l-access tieghu u dan minghajr ebda preavviz, bil-konsegwenza li l-minuri titlesta u tigi mwebbla inutilment; filwaqt, li meta huwa jaghzel li jezercita l-access tieghu, huwa jippretendi li jmur fix'hin irid hu u mhux fil-hinijiet pattwiti fil-kuntratt u ghalhekk l-esponenti qatt ma tkun tista' taghmel il-pjanijiet taghha.

5. Il-Partijiet kienu qablu wkoll illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' tliet mitt ewro (Eur 300) fix-xahar fl-ewwel jum ta' kull xahar permezz ta' standing order u dan il-manteniment kellu joghla kull sena skont l-gholi tal-hajja u dan oltre ghal nofs l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u ta' sahha tal-istess minuri u anke tal-attivitajiet extra-kurrikulari.

6. Illi minkejja li l-esponenti regolarment u ta' kull xahar tghaddilu kopji tal-ircevuti tal-ispejjez li hija tkun nefqet ghall-minuri, huwa jaghzel li

jinjorahom u ma jikkontribwixix sehmu mill-istess u dan anke wara li jkun gie interpellat anke tramite l-avukati.

7. Illi m'hemm ebda raguni ghalfejn il-konvenut m'ghandux jikkontribwixxi ghal sehmu mill-ispejjez ta' bintu kif obbliga ruhu li jaghmel u dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li huwa jahdem gewwa l-Freeport bi dhul konsiderevoli li huwa rifless fl-istil tal-hajja tieghu.

8. Illi minkejja li l-esponenti pruvat hafna drabi tasal fi ftehim, inkluz tramite l-medjazzjoni, il-konvenut qatt ma kien dispost li jitransigi, u dan billi ma jattendix ghas-seduti u ma jikkollabora bl-ebda mod m'omm bintu.

9. Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat b'digriet tal-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (22/06/2022).

Ighid ghalhekk il-konvenut, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti, fl-ahjar interess tal-minuri, m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi c-cirkostanzi tal-partijiet u tal-minuri nbiddlu b'tali mod illi jimmeritaw illi l-kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia tas-sebgha t'April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (07/04/2021) jigi varjat.

2. Konsegwentement tordna l-varjazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia tas-sebgha t'April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (07/04/2021), b'mod partikolari klawsola hamsa (5) billi tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri esklussivament f'idejn ir-rikorrenti Omm, b'dana illi l-Minuri tkompli tirrisjedu mal-Omm li tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura

ordinarja kif ukoll dawk ta’ natura straordinarja u cioe` dawk ta’ edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta’ passaport, esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-konvenut.

3. Tordna il-varjazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni in atti tan-Nutar Sharon Faith Farrugia tas-sebgha t’April tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (07/04/2021), b’mod partikolari klawsola hamsa (5)(ix) u (x) tawmenta l-manteniment dovut mill-konvenut biex ikun jinkludi wkoll sehmu mill-ispejjez ta’ sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint; liema manteniment ghandu jibqa’ jigi rivedut kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

4. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista’ jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista’ jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien.

5. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u parentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi jhallas lill-attrici s-somma ta’ tmien mija tmienja u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€898.79) jew somma verjuri ohra li ser tirrizulta fil-mori tal-kawza, rapprezentanti arretrati ta’ spejjez ta’ sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-Minuri.

6. Tordna illi l-konvenut ghandu jaghti pre-avviz ta’ tmienja u erbghin siegha qabel kull access, b’dan illi jekk dan il-pre-avviz ma jinghatax il-missier jitlef id-dritt tal-access.

7. Tordna illi jekk il-konvenut ma jitfaccax ghall-access tieghu fl-ewwel tletin minuta, l-access ghandu jitqies mitluf.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut ma pprezentax ir-risposta tieghu entro t-terminu lilu moghti, u ghalhekk tiddikjarah kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**Fatti**

L-attrici zzewwget lill-konvenut fid-9 ta' Awissu, 2015 u wara sena z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba li l-attrici ndunat li l-konvenut kien jabbuza mid-droga u anke kien jaghmel il-loghob fuq l-idejn u jislef flus b'imghax gholi.[1] Kienet telqet mid-dar meta darba minnhom il-konvenut kien dahal id-dar u kien aggressiv maghha minhabba li kien taht l-effett tad-droga. Peress li kellha t-tifla bezghat u kienet telqet mid-dar. Tghid li kienet tikkomunika mal-konvenut sabiex jara lil bintu, izda kien ghalxejn ghaliex qatt ma kien jinteressah minnha. Kien hemm anke episodju fejn it-tifla kellha tigi rikoverata l-isptar u kienet tipprova ccempillu ghaliex it-tifla kienet gravi hafna u kien biss l-ghada li rrispondiha, meta ammetta maghha li kien f'sakra mejjet.

[1] Doks A1-A6 u Dok. B1-2

L-attrici bdiet il-proceduri ta' separazzjoni u wara hafna tentattivi sabiex jinnotifikaw lill-konvenut bdew bil-medjazzjoni, fejn l-attrici tikkonferma li kienet accettat li jkollhom kura u kustodja konguntiva tal-minuri u dan peress li l-konvenut kien wiedgha li kien ser ikun hemm ghall-minuri u kien ser jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha. B'hekk spiccaw biex isseparaw legalment fis-7 ta' April, 2021, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia.

Wara li gie ffirmat il-kuntratt, il-konvenut ma bediex isegwi l-access skond kif miftiehem, jew kien imur tard jew izomm it-tifla iktar tard minghajr ma jinforma lill-attrici. Lanqas beda jiffirma sabiex it-tifla tattendi l-kindergarden u kien biss bl-intervent tal-avukati rispettivi taghhom li rnexxielha ggib il-firma. L-istess kien gara sabiex tibghatha summer school u spiccat li kellha tibghatha f'wahda privata u thallas izjed. Kienet ghamlet ukoll rikors il-Qorti sabiex tkun tista' tiffirma biss ghas-sena skolastika.

Jispjega ukoll li t-tifla ghadha minghajr passaport ghax il-konvenut qatt ma kkoopera biex isir.

Maz-zmien tghid li l-konvenut iktar ma bediex jaghti kaz lil bintu u dan meta kellu tarbija minghand mara ohra.

Sa meta xehdet l-attrici tispjega li l-konvenut ilu ma jara lill-minuri cirka tmien xhur u minhabba c-cirkostanzi tixtieq li l-konvenut ikun obbligat jaghti preavviz ta' tmienja u erbghin siegha u jekk ma jaghmilx dan ma jsirx access u inoltre jitlef l-access jekk ma jitfaccax fi zmien 30 minuta.

L-attrici qed tinsisti ukoll li l-konvenut ghandu jikkontribwixxi lejn sehemhu tal-ispejjes edukattivi u tas-sahha u dan meta jahdem il-Freeport u l-paga tieghu hija pjuttost sostanzjali.

L-attrici qed titlob ukoll li l-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas sehemu mill-ispejjes edukattivi, tas-sahha u extra-kurrikulari u dawn jammontaw ghal €1044.40.[2]

**VS** missier l-attrici jikkonferma li minn meta l-attrici u bintha telqu mid-dar marru jghixu mieghu u ma' martu u jghinuha finanzjarjament. Jikkonferma ukoll il-verzjoni attrici.

Jispjega li minn dejjem kien hemm problemi bl-access ghax il-konvenut ma kienx konsistenti. Imur tard, iwassal lit-tifla tard jew lanqas addiritura jitfacca u jhalli lit-tifla lampa stampa.

Jikkonferma ukoll li l-konvenut ilu ma jara lil bintu ghal tmien xhur u ghalkemm xorta jlestu lit-tifla u tistenna lil missierha, ghalkemm ma tkunx trid tmur ghax tkun taf li mhux ser jitfacca.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attrici fethet dina l-kawza sabiex titlob varjazzjoni fil-kuntratt in kwantu jirrigwarda l-manteniment, kif ukoll in kwantu jirrigwarda l-access. Dan wara li l-konvenut ilu ma jara lill-minuri bintu ghal iktar minn tmien xhur. Inoltre, jostakola kwalsiasi decizjoni rigward l-edukazzjoni taghha, kif ghamel meta l-attrici riedet tibghatha summer school u anke tirregistraha l-kindergarden, tant li kellha tirrikorri l-Qorti sabiex tottjeni l-awtorizzazzjoni. L-attrici takkuza lill-konvenut ukoll li l-abbuz tal-kokaina kien wassalhom sabiex jisseparaw u mid-

---

[2] Dok. H

diversi messaggi li kienu jibghatu l-istess konvenut jammetti huwa stess li kien jaghmel uzu minn dina s-sustanza, tant li ma kienx ikun f'sensih.

**Access**

Rigward l-access, l-attrici lmentat li kienet accettat li tiffirma l-kuntratt bil-kundizzjoni li jkollhom kura u kustodja konguntiva peress li l-konvenut kien ikkonvinciha li ried jikkoopera maghha u jqatta' hin mal-minuri, izda minflok kien imur tard jew jwassalha lura tard, jew kemm il-darba kien iwieghed lit-tifla li sejjer ghaliha u ma jitfaccax, tant li l-minuri spiccat li kienet tkun mdejjqa u tirrifjuta li tmur ma' missierha.

Il-konvenut huwa kontumaci u ghalhekk m'hemm l-ebda prova sabiex jirribatti dak li xehdet l-attrici. Jirrizulta ukoll mill-provi attrici li l-konvenut ghandu tarbija ohra minn relazzjoni li ghandu u minn dak iz-zmien 'l hawn qata' l-access mal-minuri u minhabba f'hekk illum ma tkunx trid tmur ma' missierha.

Tenut kont tal-fatt li dan l-atteggjament tal-konvenut qed iwassal ghall-problemi sabiex l-attrici tkun tista' tmexxi bid-decizjonijiet rigward l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, tant li kemm il-darba jkollha tirrikorri l-Qorti u tohrog l-ispejjes biex tottjeni l-awtorizzazzjoni. Apparti l-emozzjonijiet u dizappunti li ser ikollha tghaddi minnhom il-minuri. Dawn huma cirkostanzi li jwasslu u jiggustifikaw varjazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni.

**Manteniment**

1. Skond Klawsola 5(ix) u (x) tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' tliet mitt ewro (Eur 300) fix-xahar fl-ewwel jum ta' kull xahar permezz ta' standing order

u dan il-manteniment kellu joghla kull sena skont l-gholi tal-hajja, u dan oltre ghal nofs l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u ta' sahha tal-istess minuri u anke tal-attivitajiet extra-kurrikulari.

Skond l-attrici, minkejja li dejjem tibghat l-ircevuti tal-ispejjes edukattivi, tas-sahha u dawk extra-kurrikulari, il-konvenut qatt ma hallas in-nofs tieghu, tant li hemm diversi arretrati li jammontaw ghal tmien mijja tmienja u disghin ewro u disgha u sebghin centezmu (€898.79).

Ghal darb'ohra stante li l-konvenut huwa kontumaci, dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ribatuti.

**<u>L-awment tal-manteniment</u>**

Il-gurisprudenza nostrana dejjem iffavorixxiet interpretazzjoni tar-regola tal-***pacta sunt servanda***, diment li m'hemmx deroga minn din ir-regola, mill-principju ***"ad impossibilia nema tenetur."***

> ***"Dan il-principju jsib il-bazi razzjonali tieghu "fl-interess tal-ordni pubbliku, li hu suprem u aqwa minn kull ligi jew ftehim bejn il-partijiet." Fi kliem iehor, f'materja ta' revizjoni ta' manteniment pattwit, filwaqt li ghandu japplika l-principju generali regolanti l-materja ta' kuntratti, ghandu japplika ukoll, bhala deroga mill-istess, il-principju "ad impossibilia nemo tenetur," li jifforma r-"ratio legis" tad-dispost tal-Artikolu 985 tal-Kap.16 li, inter alia, jistipula li hwejjeg impossibbli ma jistghux ikunu oggett ta' kuntratt."***

> ***"Jinkombi ghalhekk fuq min jitlob il-varjazzjoni tal-obbligu ta' manteniment, id-dover assolut li jressaq provi cari, oggettivi u inekwivoci biex jikkonvinci lill-Qorti, altrimenti l-Qorti tkun qed tippermetti li stipulazzjonijiet tant serji u delikati f'kuntratti pubblici bhalma huma***

***stipulazzjonijiet dwar obbligu ta' manteniment tal-konjugi jew tal-ulied, jigu soggetti ghall-tibdil bl-iktar mod facli u espedjenti. L-Artikolu 21 tal-Kodici Civili, fuq citat, zgur mhux intiz biex jakkomoda piki u kapricci, izda fejn jirrizultaw verament ragunijiet serji u gravi li jiggustifikaw tibdil fil-patt kuntrattwali ghall-hlas ta' manteniment, dan ghandu jigi premess.***

***Gie ukoll ritenut mill-Qorti tal-Appell illi "…..jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li iktar milli bdil fic-cirkostanzi b'mod generali, it-test dwar jekk ghandux jigi ridott manteniment stabbilit lil wiehed mill-konjugi jirrikjedi ezami komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom."Edward Galea vs Josephine Galea – 15.05.1998)"***[3]

Dina kienet l-istess posizzjoni li hadet il-Qorti f'sentenza ohra.

***"Il-gurisprudenza ricenti hi fis-sens li, minkejja dak miftiehem f'kuntratt ta' separazzjoni u li jolqot biss il-partijiet, jistghu jezistu cirkostanzi "ta' natura gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-attur li gabuh fl-impossibilita' li jhallas retta alimentali [pattwita] allura f'kazi simili jista' jkun hemm lok ghal varjazzjoni."***[4] ***Dan hu hekk fl-interess tal-ordni pubbliku, li jipprevali fuq kull ftehim li talvolta jkun sar bejn il-partijiet kontraenti. Ghalhekk sabiex din l-eccezzjoni ghar-regola tkun applikabbli, jehtieg li min ikun intrabat kontrattwalment li, jesegwixxi obbligu, biz-zmien isib ruhu fl-impossibilita' estranea ghall-volonta' tieghu li jkompli jesegwixxi dak l-obbligu tieghu."***[5]

[3] Qorti ta l-Familja DXN vs WO deciza 6 ta' Dicembru, 2017
[4] App.Civ. Nru. 2479/1996 deciza 16 ta' April, 2004 Alfred Grech vs Pauline Grech pro et. noe.
[55] App.Clv. Nru. 24/15 deciza 31 ta' Mejju, 2019 Moses Briffa vs Nathalina Briffa

L-istess gie kkonfermat mill-Qorti fis-sentenza **Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg,[6] fejn il-Qorti tal-Appell tenniet li tkun disposta li tikkunsidra li taccetta varjazzjoni fil-ftehim rigward il-hlas ta' manteniment jekk kemm l-darba l-attur iressaq provi "*cari, oggettivi u inekwivoci,*"** tant li l-Qorti tkun konvinta li t-talba hija gustifikata.

Ghalkemm l-attrici qed titlob awment fil-manteniment, kien jehtieg li tipproduci provi li jindikaw li l-konvenut ghandu introjtu iktar milli kellu meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Issemmi li l-konvenut jahdem il-Freeport u ghandu paga tajba, izda l-attrici naqset li tipproduci rapprezentant tal-istess Freeport sabiex jixhed dwar l-introjtu tal-konvenut. Inoltre, kienet anke pprezentat rikors fl-atti tal-medjazzjoni fejn b'digriet taghha tat-18 ta' Dicembru, 2020, il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut jipprezenta l-FS3's tieghu, kif ukoll il-P3's, income tax returns u VAT returns. Madanakollu, in-notifika tal-istess digriet baqghet negattiva u l-istess attrici m'ghamlet xejn sabiex terga' tipprova tinnotifika lill-konvenut, meta effettivament dak kien rikjest minnha jekk kemm il-darba riedet tipprova li kien hemm cirkostanzi li kienu jimmeritaw awment fil-manteniment.

Ghalhekk, huwa difficli ghal dina l-Qorti fuq bazi ta' provi fjakki li tikkonkludi li jezistu cirkostanzi "***cari, oggettivi u inekwivoci***" li jimmeritaw awment fil-manteniment.

**<u>DECIDE</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

[6] App. Civ. Deciza 30 ta' Novembru, 2012.

Tilqa' l-ewwel talba attrici.

Tilqa' t-tieni talba attrici.

Tichad it-tielet talba attrici kif fuq imfisser in kwantu jirrigwarda l-awment tal-manteniment, filwaqt li tikkonferma li l-konvenut ghandu jhallas ghal nofs l-ispejjes edukattivi, tas-sahha u anke dawk extra-kurrikulari.

Tilqa' r-raba' talba attrici in kwantu jirrigwarda l-manteniment stipulat f'klawsola 5 (ix) fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta' April, 2021 fl-atti tan-Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia.

Tilqa' l-hames talba attrici u zzid l-ammont ghall €1044.40 kif jirrizulta iktar 'l fuq.

Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna li dan ghandu jizdied fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.

Tilqa' s-seba' talba attrici.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**